# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 29**
**Rikors maħluf numru 92/2011 JD**

**Joseph Zammit u martu Josette Zammit**

***v.***

**Peter Paul Vella**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Novembru 2012 li ċaħdet talbiet tal-atturi dwar biċċa art li jgħidu illi hija tagħhom u tinsab f'idejhom, u li l-konvenut għamel xi xogħlijiet fuqha mingħajr il-kunsens tagħhom. It-talbiet kienu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi r-rikorrenti għandhom it-titolu fuq l-istess art indikata fl-att tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Anthony Attard datat 6 t'Ottubru 1988;
>
> »2. tiddikjara li l-ħajt suġġett tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 42/2011 fl-ismijiet Joseph Zammit *et v.* Peter Paul Vella huwa proprjetà tal-istess rikorrenti *in toto* jew in parti;

»3. tikkonferma definittivament l-effetti tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 42/2011 fl-ismijiet Joseph Zammit *et v.* Peter Paul Vella u dan taht piena ta' disprezz lejn l-awtorità ta' din l-onorabbli qorti.«

2. Il-konvenut ressaq din l-eċċezzjoni, fost oħrajn, li qiegħda wkoll tinġieb hawn *verbatim*:

»1. illi qabel xejn l-atturi jridu jindikaw preċiżament x'tip ta' azzjoni qed jiddeduċu, *cioè* jekk humiex qed jeżerċitaw l-azzjoni rivendikatorja, kif jidher illi qed jagħmlu meta wieħed iħares lejn l-ewwel talba attriċi, jew inkella dik possessorja; jew inkella xi kawża oħra illi l-esponenti sa issa għadu ma rnexxilux jifhem in-natura tagħha. Darba ssir tali kjarifika, l-esponenti jkun fi grad li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri – dejjem skond il-każ – kontra t-talba attriċi in kwantu n-natura ta' tali eċċezzjonijiet tkun tiddependi neċessarjament fuq in-natura tal-kawża;

»… … …«

3. Bi tweġiba għal din l-eċċezzjoni l-atturi, b'nota tad-29 ta' Frar 2012, qalu hekk:

»Illi l-esponenti qegħdin umilment jissottomettu illi l-kawża hekk kif propagata [*sic*] mir-rikorrenti hija waħda possessorja u dan peress illi x-xogħol kif magħmul mill-konvenuti [*recte*, mill-konvenut] qiegħed isir fil-proprjetà tar-rikorrenti, u dan bi ħsara fil-proprjetà tal-istess rikorrenti.«

4. Wara din in-nota tal-atturi l-konvenut kompla ressaq dawn l-eċċezzjonijiet ulterjuri:

»1. illi bis-saħħa tan-nota tagħhom, l-atturi ddikjaraw espressament li l-kawża promossa minnhom "hija waħda possessorja, u dan peress illi x-xogħol kif magħmul mill-konvenuti qiegħed isir fil-proprjetà tar-rikorrenti, u dan bi ħsara fil-proprjetà tal-istess rikorrenti";

»2. illi fid-dawl ta' dikjarazzjoni daqstant ċara, anki jekk l-atturi baqgħu ma spjegawx liema waħda minn fost il-kawżi possessorji huma qegħdin jintentaw, din il-kawża tista' timxi 'l quddiem u tiġi kkunsidrata biss bħala kawża possessorja u mhux xi tip ieħor ta' kawża kwalsiasi;

»3. illi, b'danakollu, l-ebda waħda mit-talbiet tal-atturi ma tista' titqies li tinkwadra ruħha fil-parametri ta' kawża possessorja;

»4. illi għaldaqstant u konsegwentement, l-ewwel żewġ talbiet – li huma fformulati b'mod li l-istess żewġ talbiet jirreferu espressament għal dikjarazzjoni ta' titolu u dikjarazzjoni ta' proprjetà – ma jistgħu qatt jiġu milqugħa fil-kwadru u fil-parametri ta' kawża possessorja;

»5. illi rigward it-tielet talba, din hija limitata għal talba sabiex l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni jiġu "ikkonfermati definittivament … u dan taħt piena ta' disprezz lejn l-awtorità ta' din l-onorabbli qorti";

»6. illi l-esponenti jissottomettu illi ġaladarba l-ewwel żewġ talbiet ma jistgħux ireġu fit-tip ta' kawża promossa mill-atturi, lanqas it-tielet talba ma tista' treġi, għaliex jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li ma huwiex leċitu li l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu perpetwati bil-mod li qegħdin jitolbu r-rikorrenti. Ma huwiex mogħti lil ebda persuna skont is-sistema ġuridiku ta' pajjiżna illi jintavola ċitazzjoni fejn jitlob *sic et simpliciter* illi l-konvenut jiġi inibit milli jagħmel xi att mingħajr fl-istess waqt ma jgib 'il quddiem il-pretensjoni jew dritt tiegħu sabiex iżomm lill-konvenut milli jagħmel dak l-att. Dan għaliex altrimenti jkun qiegħed jingħata lok sabiex persuna tipperpetwa mandat ta' inibizzjoni mingħajr ma ġġib 'il quddiem il-kawża in sostenn tal-pretensjoni tiegħu kif dedotta fil-mandat ta' inibizzjoni *ai termini* tal-artikoli 843, 844 u 875 tal-Kap. 12. U kawża li tkun tikkontjeni biss talba sabiex mandat ta' inibizzjoni jiġi perpetwat tkun waħda monka, irrita u nulla.«

5. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Illi huwa evidenti li l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri tiegħu jirrigwardaw l-inammissibilità tal-ewwel żewġ talbiet tal-atturi. Hekk kif jirriżulta mill-ewwel eċċezzjoni tar-risposta ġuramentata l-konvenut mill-ewwel talab lill-atturi jikkjarifikaw x'tip ta' azzjoni qegħdin jeżerċitaw – jekk hux azzjoni possessorja jew petitorja. *In vista* ta' tali eċċezzjoni l-atturi permezz ta' nota ddikjaraw "illi l-kawza hekk kif propagata mir-rikorrenti hija waħda possessorja u dan peress illi x-xogħol kif magħmul mill-konvenuti qiegħed isir fil-proprjetà tar-rikorrenti u dan bi ħsara fil-proprjetà tal-istess rikorrenti".

»In segwitu għal tali dikjarazzjoni l-qorti trid teżamina l-azzjoni odjerna bħala azzjoni possessorja.

»… … …

»Illi … … … huwa prinċipju stabbilit illi t-tifsir ċar u sewwa tal-oġġett tal-kawża u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kap. 12 għandhom jirriżultaw mill-istess att taċ-ċitazzjoni nnifsu u mhux minn "xi kjarifika li tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni"[1]. … … …

»… … …

»Illi stabbilit lejn x'tip ta' eżami jeħtieġ għall-qorti biex tirriżolvi l-kweżit odjern, jingħad ukoll li l-qorti hija a konoxxenza tal-prinċipju li l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati *entro* d-dettami tal-liġi peress li r-rigorozitajiet proċedurali ma humiex ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk m'għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawża u dan iktar u iktar meta llum fl-att taċ-ċitazzjoni hemm dejjem il-formola ritwali "premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provedimenti opportuni" – proprju sabiex jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe esiġenza ta' forma li tkun neċessarja biex l-att ikun komplut b'kull talba għal kwalunkwe dikjarazzjoni.

[1] <u>Raymond Bezzina *v.* Anthony Galea</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1998.

»Illi fil-każ odjern l-atturi qegħdin jitolbu li jiġu dikjarati li huma għandhom titolu fuq l-art imsemmija minnhom liema art tinkorpora wkoll il-ħajt diviżorju suġġett tal-mandat ta' inibizzjoni; u t-tieni talba hija li jiġi dikjarat li l-ħajt inkwistjoni huwa proprjetà tagħhom.

»Illi hekk kif ġie impustat ir-rikors ġuramentat ma kienx ċar x'tip ta' azzjoni kienet qiegħda tiġi intentata. Kien għalhekk li l-istess atturi ngħataw l-opportunità permezz ta' nota sabiex jiddikjaraw x'tip ta' azzjoni kienet qiegħda tiġi eżerċitata. Fin-nota ddikjaraw li hija azzjoni possessorja għalkemm ma indikawx liema mill-azzjonijiet possessorji kienet effettivament qiegħda tiġi eżerċitata. L-eżistenza ta' tali nota ma tistax tiġi injorata anki peress li l-konvenut ressaq eċċezzjonijiet in segwitu tagħha.

»Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni l-qorti ma tistax tasal ħlief għal konklużjoni waħda wara li teżamina r-rikors ġuramentat – l-ewwel żewġ talbiet ma jaqgħux fil-parametri ta' azzjoni possessorja iżda huma eminentement petitorji. Lanqas ma tirriżulta l-frażi mill-korp tar-rikors promotur li permezz tagħha l-qorti qiegħda tingħata ċertu flessibilità inkwantu għal dak li jirrigwarda dikjarazzjonijiet u provvedimenti li jistgħu jirriżultaw li huma neċessarji. Għalhekk l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri għandhom jintlaqgħu.

»Illi l-aħħar żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri tirrigwarda t-tielet talba tal-atturi, li allura issa l-uniku talba rimanenti, li tikkonsisti f'talba lill-qorti sabiex tikkonferma definittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni nru 42/2011.

»… … …

»Illi l-ġurisprudenza hija kostanti f'dan ir-rigward u stabbiliet konsistentement illi:-

»(a) talba sabiex mandat t'inibizzjoni jiġi kkonfermat in perpetwità ma hijiex ammissibbli skond il-liġi tagħna u senjatament kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 843 tal-Kap 12;

»(b) wara kull mandat t'inibizzjoni, fit-terminu preskritt skond l-istess artikolu 843 tal-Kap. 12, għandha ssir ċitazzjoni għall-jedd imsemmi u kawtelat fil-mandat.

»(ċ) it-talbiet għal tali konsegwiment u asserzjoni tal-jedd sostantiv ivarjaw skond id-dritt li jrid jiġi vantat, u jista' jimporta talba sabiex il-konvenut jiġi inibit milli jagħmel xi ħaġa lill-attur, proprio minħabba d-dritt sostantiv tal-attur vantat u eżerċitat fl-istess ċitazzjoni.

»Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.«

6. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-28 ta' Novembru 2012 li għalih il-konvenut wieġeb fis-27 ta' Diċembru 2012.

7. L-aggravji tal-appell ġew imfissra fil-qosor hekk:

»L-isfond tal-kawża odjerna hija [illi] l-esponenti kien akkwista proprjetà … … … permezz ta' kuntratt ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Dottor Anthony Attard fis-sena 1988.

»Illi s-sena l-oħra l-intimat Peter Paul Vella daħal fl-għalqa u ħa pussess tagħha u kien ser jagħmel xogħlijiet; għalhekk l-atturi pproċedew b'mandat t'inibizzjoni u l-kawża odjerna … … …

»Illi l-aggravji tagħhom huma ċari u manifesti u jikkonsistu sintetikament fil-fatt illi (a) ġaladarba l-qorti kienet qed tikkunsidra biss l-eċċezzjonijiet preliminari (tant li ħalliet is-sentenza biss fuq hekk) il-qorti ma messhiex marret *oltre* u ċaħdet it-talba attriċi iżda jekk sabet li l-eċċezzjonijiet preliminari kienu mistħoqqa kellha tillimita ruħha biex tilqa' l-istess eċċezzjonijiet u tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju jew tastjeni milli tkompli tisma' l-kawża, b'mod li għalhekk tħalli impreġudikat kull dritt tal-esponenti; (b) *inoltre* l-esponenti jissottomettu bir-rispett li l-ewwel onorabbli qorti kellha tagħżel li tkompli tisma' l-provi minn liema kien jirriżulta ampjament li l-esponenti għandhom il-proprjetà tal-art mertu tal-kawża.

8. L-atturi komplew fissru l-ewwel aggravju hekk:

»Illi fl-ewwel lok jidher li l-qorti ċaħdet l-ewwel żewġ talbiet attriċi (għal dikjarazzjoni ta' proprjetà) wara li stabbiliet li dawn iż-żewġ talbiet ma kenux f'lokhom f'azzjoni possessorja. Għalhekk fir-realtà l-posizzjoni tal-qorti kienet li ma daħletx fil-mertu ta' dawn iż-żewġ talbiet u għalhekk, *se mai*, il-posizzjoni tal-qorti ma messhiex kienet li qed tiċħad dawn iż-żewġ talbiet iżda li ma kenitx ser tieħu konjizzjoni tagħhom għaliex ma kenux jaqgħu fil-parametri t'azzjoni possessorja (kif fil-fatt għamlet).

»Dana iktar u iktar *in vista* tad-dawl li l-qorti tat sentenza "fuq l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa fir-risposta ulterjuri".

»Illi b'hekk l-ewwel onorabbli qorti kellha tillibera l-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju b'mod li tħalli impreġudikata l-kwistjoni dwar it-titolu u l-proprjetà *o meno* tal-art mertu tal-kawża.

9. Il-konvenut wieġeb hekk għall-ewwel aggravju :

»Illi fl-ewwel aggrarju tagħhom, l-atturi appellanti jisħqu illi l-ewwel qorti kellha *se mai* "tillibera lill-istess esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju", jew inkella "tastjeni milli tkompli tisma' l-kawza". Dana għaliex – dejjem skont huma – il-qorti ddeċidiet fuq il-mertu mingħajr ma biss semgħet provi.

»Illi madankollu dana assolutament mhux il-każ. Id-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet tittratta l-eċċezzjonijiet preliminari biss, u xejn aktar. Dan joħroġ bl-aktar mod ċar mis-sentenza appellata nfisha, kemm mill-*considerandi* kif ukoll mid-*decide*:

> »"Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess atturi."

»Illi l-ewwel qorti fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma kkunsidrat il-mertu tal-każ li kellha quddiemha. L-eżami tagħha kien limitat għall-eċċezzjonijiet preliminari illi tressqu fir-risposta ulterjuri tal-esponenti, u xejn aktar, eċċezzjonijiet preliminari illi fihom il-mertu tal-kaz ma jirraffigurax.

»Illi fil-verità l-ewwel onorabbli qorti ma setgħetx tiddeċiedi mod ieħor. Hija bilfors kellha tiddeċiedi jekk, minn ottika purament legali, t-talbiet attriċi setgħux iħallu frott ġaladarba dawna jitolbu ġudizzju dwar aspett "petitorju" meta, skond l-istruzzjonijiet tal-atturi appellanti nfushom u ta' ħadd iktar, il-kawża kienet waħda "possessorja".

»Il-każ kien naturalment ikun differenti ferm li kieku fil-pronunzjament tagħha l-ewwel qorti daħlet fil-mertu; iżda dan hija ma għamlitux u d-deċiżjoni tagħha kienet waħda fuq punt ta' proċedura; xejn aktar.

»Illi għalhekk l-ewwel aggravju sollevat mill-atturi appellanti ma għandux jirriżulta.«

10. Igħid sew il-konvenut illi "d-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet tittratta l-eċċezzjonijiet preliminari biss, u xejn aktar", u "illi l-ewwel qorti fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma kkunsidrat il-mertu tal-każ li kellha quddiemha", iżda dan kellu jwassal għall-konklużjoni li jridu l-atturi, *viz.* ladarba l-qorti ma qisietx il-meritu tat-talbiet iżda biss il-proponibilità ta' dawk it-talbiet fil-kuntest ta' azzjoni possessorja, u sabet illi ma setgħetx tqis it-talbiet f'dak il-kuntest, il-konklużjoni kellha tkun mhux li tiċħad talbiet li ma qisithomx fil-meritu iżda li teħles lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju.

11. Fl-agħar ipotesi għall-atturi, għalhekk, il-qorti kellha teħles lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju sabiex l-atturi jibqgħu ħielsa li jerġgħu jressqu t-tabiet fil-kuntest proprju tagħhom. L-atturi iżda, fit-tieni aggravju, igħidu illi lanqas kellha l-qorti ma tqisx it-talbiet: kellha wara li tqis in-natura tat-talbiet u tasal għall-konklużjoni korretta illi, minkejja n-nota tal-atturi tad-29 ta' Frar 2012, huma talbiet petitorji, tqis il-meritu tagħhom bħala talbiet petitorji. Dan jgħiduh fit-tieni aggravju tagħhom li fissruh hekk:

»Fir-realtà jiġi sottomess li ma kien hemm xejn dubjuż, vag jew inċert fiċ-ċitazzjoni attriċi.

»L-ewwel talba kienet għal dikjarazzjoni li r-rikorrenti għandhom it-titolu fuq l-art mertu tal-kawża u t-tieni kienet li huma proprjetarji tal-ħajt suġġett għal mandat t'inibizzjoni "*in toto* jew in parti".

»Id-dikjarazzjoni waħedha mingħajr talba għal revindika tal-proprjetà hija ammissibli fil-proċedura tagħna u dana billi l-ġurisprudenza nostrana tirrikonoxxi bħala ammissibli kawża li hija merament dikjaratorja fejn ikun possibbli li dik il-kawża tiġi mbagħad segwita b'xi azzjoni oħra.

»L-uniku dubbju li eżista tqajjem mill-intimat li fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu stqarr li ma setax jistabilixxi n-natura ta' dik l-azzjoni. Minkejja dik l-eċċezzjoni l-intimat kompla biex għamel numru t'eċċezzjonijiet oħra li kienu jolqtu l-mertu veru tal-kawża, u *cioè* dwar it-titolu fil-proprjetà *de quo*.

»Huwa minnu li in segwitu għal din l-eċċezzjoni r-rikorrenti appellanti żbaljaw meta ddikjaraw li l-kawża odjerna hija waħda possessorja meta kellhom jiddikjaraw li l-kawża kienet waħda petitorja. … … …

»It-talbiet attriċi evidentement ma għandhom l-ebda straċċ tal-azzjoni possessorja. Dan kien ovvju għall-qorti u kien anke ovvju għall-intimat appellat tant li l-ewwel eċċezzjonijiet tiegħu kienu biss eċċezzjonijiet għal kawża petitorja. Tant huwa hekk li wara li bi żvista r-rikorrenti ddikjara li l-kawża kienet waħda possessorja, l-intimat kellu jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri sabiex jilqa' dik it-tip t'azzjoni. *Inoltre* fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom l-esponenti stess spjegaw "illi f'din il-kawża kulma jridu l-atturi huwa li jiġu dikjarati li huma għandhom titolu fuq l-art ...".

»Għalhekk kien ċar li l-esponenti ma kenux qegħdin jipprospettaw kawża possessorja, iżda kienu qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li huma għandhom il-proprjetà tal-art.

»Illum il-ġurnata l-qrati tagħna huma inqas formulajċi u minflok jiffokaw għas-sustanza tal-kawza bl-għan li l-atti ma jiġux imwarrba bla bżonn; dana anke għaliex mod ieħor kien ifisser li d-dritt tal-proprjetà tal-esponenti tiġi mċaħħda mingħajr ma jkun hemm investigazzjoni tal-provi kollha li l-attur jipproduċi skond il-liġi.

»Minflok, fil-kawża odjerna t-talba tal-atturi appellanti għal dikjarazzjoni li huma proprjetarji tal-art mertu tal-kawża ġiet miċħuda mingħajr ma ttieħdet konjizzjoni t'ebda prova.

»Kif jirriżulta mid-dokument hawn anness l-esponenti kien akkwista l-proprjetà fis-sena 1988 u kienet fil-pussess tiegħu għal iktar minn għoxrin sena mid-data tal-akkwist. Għalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li fil-fatt huwa l-proprjetarju tal-art in kwistjoni.

»Għalhekk l-esponenti jemmen li l-ewwel onorabbli qorti kellha jew (a) jekk tinsisti fuq il-forma, tirrifjuta li tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi, b'dan li tħalli impreġudikat id-dritt tar-rikorrenti li jressaq azzjoni petitorja skond il-liġi; (b) jew tkompli tisma' l-kawża bħala kawża petitorja. Iżda żgur ma setgħetx "tiċħad it-tatbiet attriċi", b'mod li tippreġudika anke d-dritt tar-rikorrenti li t-titolu li għandu fuq l-art jiġi eżaminat kif trid il-liġi.«

12. Il-konvenut wieġeb hekk għal dan l-aggravju:

»[L-atturi] qed jinjoraw il-proċedura nostrana fejn huwa stabbilit illi eċċezzjonijiet preliminari jiġu mistħarrġa qabel il-mertu, u mhux wara. Aktar u aktar f'każ bħalma kien il-każ *de quo* fejn l-eċċezzjonijiet preliminari mistħarrġa u deċiżi kienu jolqtu l-essenza tal-proċedura promossa mill-atturi appellanti u ma kinux jeħtieġu eżami (lanqas wieħed superficjali) tal-mertu.

Illi l-verità għalhekk hi illi l-ewwel qorti kienet korrettissima meta kkunsidrat l-eċċezzjonijiet preliminari u tat id-deċizjoni tagħha dwar-hom. Apparti minn hekk, tajjeb ukoll illi wieħed iżomm f'moħħu illi l-ewwel onorabbli qorti m'għamlitx dan *sponte sua*, iżda naturalment għamlitu bil-kunsens tal-partijiet kif espress permezz tal-avukati rispettivi tagħhom.

»Illi la l-atturi appellanti, u anqas l-avukat/i *di fiducia* tagħhom qatt ma opponew għal dana l-*modus operandi* u għalhekk u bir-rispett kollu huma ma jistgħux jiġu issa u jippretendu illi jaqilbu l-proċediment kollu ta' taħt fuq abbazi ta' allegazzjoni fiergħa bħalma huma dawk avanzati minnhom f'dan l-istadju, allegazzjonijiet illi ma jistgħu qatt isibu konfort ġaladarba kienu l-atturi stess illi qablu ma' dana l-*modus operandi*, jew illi – fl-aħjar ipoteżi għalihom – huma akkwiexxew!

»Illi u bir-rispett kollu anke li kieku dak premess ma kienx biżżejjed sabiex iġib l-argument promoss mill-atturi appellanti fix-xejn, tajjeb illi wieħed iżomm f'moħħu illi fil-verità l-ewwel onorabbli qorti assoluta-ment ma kellha l-ebda triq oħra ħlief illi tippronunzja lilha nfisha favur l-esponenti appellati. Ma setgħet qatt l-ewwel qorti tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi appellanti illi kienu manifestament talbiet petitorji, meta l-istess atturi appellanti ddikjaraw espressament u inekwivokabbilment illi n-natura tal-kawża minnhom promossa kienet waħda "possessorja" u mhux "petitorja".

»Illi f'dana l-kuntest tajjeb iili wieħed jirrammenta x'kienu sewwasew darwn l-ewwel żewġ talbiet.

»… … …

»Illi tajjeb ukoll illi wieħed iżomm f'moħħu mbagħad x'iddikjaraw l-atturi appellanti permezz tan-nota tagħhom illi ġiet ippreżentata fid-29 ta' Frar 2012.

»… … …

»Illi huwa għalhekk ovvju illi l-ewwel qorti ma setgħet tasal għal ebda konklużjoni oħra. Dana anke għaliex huma wara kollox il-partijiet illi jiddeċiedu l-limiti ta' kontestazzjoni. Ma huwiex mogħti d-dritt lill-ġudikant li jiddipartixxi minn dak li jkun intalab mill-ewwel parti jew minn dak li jkun ġie eċċepit mit-tieni parti. Altrimenti, jiġu vvjolati l-prinċipji dwar l-*ultra petita* jew *extra petita*.

»… … …

»Illi huwa għalhekk ukoll illi l-argument tal-atturi appellanti dwar il-formaliżmu żejjed ma jista' qatt isib applikazzjoni f'każ bħal dan. Il-mistoqsiia mhix jekk kienx hemm formaliżmu żejjed jew le, iżda jekk l-ewwel qorti kinitx korretta tasal għal dina d-deċiżjoni partikolari wara illi

l-atturi appellanti stess u espressament indikaw il-parametri tal-azzjoni minnhom promossa.

»Illi apparti minn hekk, hemm ukoll aspett ieħor importantissimu illi ma jistax jiġi mwarrab: dak tal-kważi kuntratt ġudizzjarju. Permezz tan-nota tagħhom l-atturi appellanti stabbilew mhux biss il-parametri entru liema kellha tiddeċiedi l-ewwel qorti, izda, fil-mument illi giet preżentata dina n-nota bil-kunsens tal-esponenti appellati (kunsens illi jirriżulta mill-atti *stante* illi kien hemm qbil illi tiġi preżentata tali nota), issawwar il-kważi kuntratt gudizzjarju.

»… … …

»Illi huwa ċar, għalhekk, illi l-atturi ma jistgħux issa jippretendu illi jġibu fix-xejn dak illi daħlu għalih u ddikjaraw espressament huma stess: dikjarazzjoni illi *daltronde* l-atturi appellanti kellhom kemm-il opportunità sabiex jintentaw jirtiraw, kemm għaliex is-sentenza ngħatat wara noti ta' sottomissjonijiet, kif ukoll *stante* illi l-kawza ġiet differita għal darba, darbtejn għall-prolazzjoni tal-istess sentenza.

»Illi bħal donnhom l-atturi appellanti dan jafuh tajjeb u kien għalhekk illi huma ma sabux triq oħra għajr għal dik illi jgħidu illi l-imsemmija nota tad-29 ta' Frar 2012 ġiet ippreżentata bi żball, fis-sens illi huma żbaljaw meta saħqu illi n-natura tal-kawża minnhom promossa kienet waħda "petitorja" u li fil-verità riedu jgħidu illi dina kienet waħda "possessorja"!

»… … …

»Illi stabbilit dan kollu, u stabbilit illi l-ewwel onorabbli qorti ma kellhiex triq oħra għajr għal dik illi ma tagħtix raġun lill-atturi appellanti fuq l-ewwel żewġ talbiet tagħhom, jonqos biss illi jiġi mistħarreġ jekk b'dan kollu premess l-ewwel qorti setgħetx tilqa' t-tielet talba u b'hekk tipperpetwa l-effetti tal-mandat t'inibizzjoni *de quo*.

»Illi l-atturi appellanti ma għamlu l-ebda sottomissjoni f'dana s-sens fl-appell tagħhom u għalhekk wieħed jifhem illi huma qed jaqblu mal-konklużjoni tal-ewwel qorti f'dana r-rigward. Għal kull buon fini, u fuq dana l-punt partikolari, l-esponenti jagħmel referenza sħiħa għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fejn hemm riassunt sħiħ u konkluživ tal-ġurisprudenza tagħna f'dana r-rigward; tagħlim illi għandu japplika wkoll għal dan il-każ.«

13. Il-meritu ta' dan l-aggravju essenzjalment huwa jekk – minkejja n-nota tal-atturi li fiha qalu li l-azzjoni hija waħda possessorja – l-ewwel qorti setgħetx u kellhiex tqis it-talbiet bħala talbiet petitorji.

14. In-natura tal-azzjoni toħroġ mill-premessi u mit-talbiet, u mhux mid-definizzjonijiet li, tajjeb jew ħażin, jagħtu l-partijiet. In-nota li fiha l-atturi qalu li l-azzjoni hija waħda possessorja għalhekk ma kinitx torbot lill-ewwel qorti. Wara kollox, bin-nota tagħhom l-atturi ma fittxewx li jibdlu

t-talbiet tagħhom iżda biss li jgħidu jekk, fil-fehma tagħhom, dawk it-talbiet kinux petitorji jew possessorji. Il-fatt li l-fehma tal-atturi kienet żbaljata ma jibdilx in-natura tat-talbiet.

15. Il-kwistjoni għalhekk hija din: setgħet u kellha l-ewwel qorti mill-premessi u t-talbiet korrettement tidentifika l-azzjoni bħala waħda petitorja?

16. Fit-tweġiba tiegħu l-konvenut igħid illi t-talbiet "kienu manifestament talbiet petitorji"; hekk qiegħed jaqbel mal-atturi meta jgħidu illi "ma kien hemm xejn dubjuż, vag jew inċert fiċ-ċitazzjoni attriċi", u qiegħed effettivament iwaqqa' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu li fiha kien qal "illi qabel xejn l-atturi jridu jindikaw preċiżament x'tip ta' azzjoni qed jiddeduċu, *cioè* jekk humiex qed jeżerċitaw l-azzjoni rivendikatorja, kif jidher illi qed jagħmlu meta wieħed iħares lejn l-ewwel talba attriċi, jew inkella dik possessorja".

17. Fil-verità huwa ovvju illi talba biex il-qorti tgħid illi l-atturi "għandhom titolu" fuq l-art u illi "l-ħajt … huwa proprjetà" tal-atturi hija talba petitorja. L-ewwel qorti għalhekk setgħet u anzi kellha tqis l-azzjoni bħala waħda petitorja. Dan kien ovvju mit-talbiet stess u ma kien hemm ebda ħtieġa la għall-konvenut li jitlob li l-atturi jgħidu "preċiża-ment x'tip ta' azzjoni" qegħdin jipproponu u lanqas għall-atturi illi b'nota jitfgħu l-kawża fuq binarju żbaljat.

18. L-atturi għalhekk għandhom raġun igħidu illi l-ewwel qorti ma kellhiex tiċħad it-talbiet bla ma tqis il-meritu proprju tagħhom iżda kellha tqis il-meritu biex tasal għal deċiżjoni dwarhom.

19. L-atturi jgħidu wkoll illi l-ewwel qorti kellha mhux biss tqis it-talbiet bħala talbiet petitorji iżda wkoll tilqagħhom, u qegħdin jitolbu għalhekk illi din il-qorti "taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi".

20. Ladarba iżda l-atturi bin-nota tagħhom tad-29 ta' Frar 2019 wasslu lill-konvenut biex jikkontesta l-kawża bħala waħda possessorja, u għal-hekk ma ressaqx provi biex jikkontestaha bħala waħda petitorja, ma jkunx xieraq illi din il-qorti tiddeċiedi dwar il-meritu mingħajr ma l-konvenut ikun ingħata l-opportunità li jressaq ix-xiehda tiegħu fid-dawl tan-natura proprja tal-azzjoni.

21. Il-konsiderazzjonijiet magħmula fuq jolqtu ċ-ċaħda tal-ewwel żewġ talbiet tal-atturi u mhux ukoll tat-tielet waħda, għax l-ewwel qorti kienet korretta meta ċaħdet it-talba biex il-mandat ta inibizzjoni jibqa' fi-seħħ għal dejjem.

22. Mandat ta' inibizzjoni huwa miżura kawtelatorja u għalhekk ma jistax jibqa' fis-seħħ għal dejjem. Barra minn hekk, jekk tintlaqa' t-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni li l-art u l-ħajt huma tagħhom, il-mandat lanqas jibqa' meħtieġ, għax is-sentenza stess u d-dikjarazzjoni magħmula fiha jkunu jorbtu lill-konvenut bl-istess mod kif il-mandat kien jorbtu qabel ma tingħata s-sentenza. It-tielet talba għalhekk kienet żejda u għamlet sew l-ewwel qorti li ċaħditha.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tielet talba biex "tik-konferma definittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni" u tħassarha fejn ċaħdet l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi għal dikjarazzjoni li għand-

hom titolu fuq l-art u l-ħajt li hemm fuqha; tipprovdi, minflok, billi tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti biex, wara li tisma' x-xiehda dwar l-ewwel żewġ talbiet, tiddeċiedi dwarhom.

24. Billi dan l-episodju nqala' kemm minħabba l-eċċezzjoni ħażina tal-konvenut li kien hemm ħtieġa li l-atturi jippreċiżaw in-natura tal-azzjoni kif ukoll minħabba n-nota tal-atturi li biha ippreċiżaw l-azzjoni ħażin, l-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb